# Ieqaf Ħija

ta'
ĠUŻE' DIACONO

Ieqaf, ħija!
Smajtni? Ieqaf ftit!
Waqt wieħed biss neħtieġ minn ħajtek —
u int ma ttiħulix?

Ieqaf f'dik il-ġirja mitlufa,
f'dik il-ġirja għotort jien.

Ismagħni, agħdirni,
ieqaf,
wiżinni b'idek, b'qalbek ukoll,
kemm fuq saqajja nqum mill-ġdid —
    għax jien għotort —
kemm terġa' qalbi taqbad tħabbat,
imkebbsa b'nifsejn li qalbek trodd.

Ieqaf! stenna! ...........
.................................

Ieqaf! ...............
.................................

Għaliex ma tiqafx?
Għaliex ma tħarisx?
Għaliex tibqa' sejjer?
Ma tafx li fuq salibi
    miegħi msallab int?

X'saħta, hija, hi din,
li la nifhmu u anqas nagħdru 'l xulxin —
hekk qrib u b'dal-bogħod kollu mifrudin!

Kif nagħmel inwaqqfek?
Kif infiehmek?
Insieħlek bid-dehen ta' qalbi,
u l-ħsus ta' moħħi —
innebbħek li bħali int mitmum·
dlonk jidlamlek nharek.
u lejlek ma jidwal qatt —
bħali.
il-mewt tgħix f'ħajtek.
u ħajtek tmut — kuljum